FIL-QORTI CIVILI

(SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Ottubru 2024**

**<u>Rikors Guramentat nru : 226/2020 AGV</u>**

**DZ**

**VS**

**R Z LE G**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors guramentat ta' DZ fejn ippremetta s-segwenti :-**

**A. Dikjarazzjonijiet tar-rikorrent**

i. Illi l-kontestanti zzewgu fil-Parocca ta' Birzebbuga nhar it-tmintax ta' Mejju tas-sena elf disa mija wiehed u disghin (1991) liema kien gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru 666/1991 (kopja tac-certifikat hawn annessa u mmarkata bhala Dok.A).

ii. Illi minn dawn iz-zwieg twieldu tlett itfa u cioe' P li twieled fit-tlieta ta' Lulju elf disa mija u hamsa u disghin(1995), m li twieldet fid-dsatax ta' Ottubru 1998 u D li twieled nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru tas sena elfejn u tlieta (2003)(certifikati hawn annessi u mmarkati Dok B1, Dok B2, U Dok B3).

iii. Illi l-intimata irrendiet ruhha hatja ta 'adulterju fil-konfront ta' zewgha rikorrenti b`rizultat li l-hajja matrimonjali ta' bejniethom m`ghadhiex aktar possibli tant li z-zwieg tkisser irremedjabbilment.

iv. Illi in oltre l-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti hija impossibbli minhabba inkompatibilta ta' karattru.

v. Illi l-kontendenti gew awtorizzati sabiex jipprocedu ghas-separazzzjoni personali u din l-Onorabbli Qorti datata disgha u ghoxrin ta' Ottubru (2020) fl-atti tal-ittra numru 151/19 hawn anness u mmarkat Dokument C.

Tghid ghalhekk, l-intimata ghar-ragunijiet premessi u prevji kull dikjarazzjoni neccessarja u opportuna ghaliex m`ghandix din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi unikament imputabbli lill-intimata.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D f`idejjn ir-rikorrenti fl-ahjar interess tal-istess minuri.

3. Tiffissa retta alimentarja pagabbli bhala manteniment mill-intimat lir-rikorrenti ghat-tifel minuri D u ghal M a li ghalkemm hija maggorenni qed tistudja full-time gewwa l-Universita' ta' Malta kif ukoll timponi l-modalitajiet tal-hlas tal-istess retta inkluz li l-manteniment jizdied perjodikament sabiex jaghmel tajjeb ghall-effetti tal-gholi tal-hajja.

4. Tikkomina kontra l-istess rikorrenti il-provvediment tal-Artikolu 48 u l-Artikolu 51 sa 61 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u in partikolarment illi l-intimata iddekadiet mid-drittijiet successarji taghha fil-konfront tar-rikorrenti.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tillikwida u taqsam l-istess f 'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet b' dan li jigi applikat s-sanzjonijiet imsemmija fil-hames talba fil-konfront tal-intimata okkorrendo bin-nomina ta' Perit nominandi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportuni tal-qasma u assenzjoni, u kuratur jirrapprezenta l-eventwali kontumacja tal-intimata fuq l-istess f’ kaz ta’ bzonn.

7. Tordna l-bejgh bil-licitazzjon u tal-assi immobbli f’ kaz li jirrizulta li dawn ma jistghux jigu komodament divizi.

8. Tikkundanna lill-intimata tirrestitwixxi lir-rikorrenti l-propjeta’ kollha tieghu parafernali jew il-valur taghha.

**Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hi ngunta ghas-subizzjoni.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Risposta guramemntat tal-konvenuta RZ LE G li eccepiet is-segwenti:-**

1. Illi dawn il-fatti u l-allegazzjonijiet rilevati fir-rikors promutur ghal dina r-risposta il-konvenuta tixtieq tirrileva s-segwenti u cioe’ illi hemm qbil limitament ghall-fatt li l-konvenuta tixtieq illi hemm qbil limitatament ghal fatt li l-kontendenti partijiet kienu zzewgu fit-tmintax ta’ Mejju tas-sena elf, disa mija wiehed u disghin gewwa l-Parocca ta’ San Pietru tal-Ktajjen, Birzebbuga u minn liema zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, P, li twieled fit-Tlieta ta’ Lulju elf disa’ mija hamsa u disghin, M li twieldet fid-dsatax t’ Ottubru 1998 u D li twieled nhar il-wiehed u ghoxrin ta’ Dicembru, tas-sena elfejn u tlieta (2003).

2. Illi huwa minnu wkoll li z-zwieg bejn il-kontendenti partijiet tkisser irrimedjabbilment, izda kien l-attur li rrenda ruhu responsabbli fil-konfront tal-konvenuta u uliedu ta' inter alia sevizzi, eccessi, mohqrija, vjolenza kif ukoll dik psikologika theddid, ngurji gravi, minacci u adulterju.

3. Illi ma hemmx qbil li l-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti partijiet hija impossibbli minhabba inkompatibilta' ta' karattru izda minhabba r-ragunijiet kif moghtija fil-paragrafu precedenti.

4. Illi in kwantu dwar it-talbiet tal-attur il-konvenuta tixtieq tirrileva s-segwenti u cioe' f 'dak li jirrigwarda l-ewwel talba din ghandha tigi michuda peress li kif ser jirrizulta ampjament car mix-xhieda mressqa mill-konvenuta fil-mori tal-kawza odjerna l-attur huwa unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg odjern.

5. Illi in kwantu ghat-tieni talba tal-attur il-konvenuta hija tal-fehma li din l-Qorti ghandha tiddikjara u tiddecidedi illi s-setghat ta' genituri ghandhom jigu vestiti esklussivament f 'idejn il-konvenuta f' dak li jirrigwarda l-minuri D , peress li kienet l-istess konvenuta li ghal dawn l-ahhar snin dejjem hadet hsieb u indukrat l-istess minuri minn sena ghal ohra mill-lat tat-trobbija kif ukoll mill-lat finanzjarju ghajr meta ghal ftit minn sena fejn l-istess attur beda jissomministra l-manteniment lill-konvenuta ghal binhom il-minuri.

6. Illi in kwantu ghat-tielet talba tal-attur l-konvenuta tirreleva li ghandu jkun l-attur li jigi ikkundannat ihallas lill-konvenuta ghall minuri D u ghal maggorrenni M li qieghda tistudja full-time gewwa l-Universita' ta' Malta, dik ir-retta alimentarja li tigi stabbilita fuq bazi direttament

pagabbli tieghu u jghaddi f' kont bankarju tal-esponenti liema retta alimentarja ghandha tizdied kull sena skont ir-rata ta' inflazzjoni.

7. Illi in kwantu ghar-raba' talba din it-talba ghandha tigi michuda stante li l-komportament kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza odjerna qatt ma wassalha sabiex hija tiddekadi minn sehemha fil-komunjoni fil-konfront tal-attur. Dawn l-allegazzjonijiet tal-attur kif ser jirrizulta f'din il-kawza m`huma xejn hlief insinwazzjonijiet tal-attur abbuzivi sabiex b`hekk l-istess attur ikun jista' malizzjonalment jibbenifika ruhu mill-effetti l-Artikolu 48 et seq kif ukoll mit-telf tal-jeddijiet tal-Ligijiet ta' Malta, semmai d-disposizzjoni tal-Artikolu citati mill-attur ghandhom jigu applikati fil-konfront tieghu stess.

8. Illi in kwantu ghall-hames u sitt talba tal-attur, il-konvenuta taqbel illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara xolta li l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u sussegwentement ordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu divizi f`zewg porzjonijiet li jigi assenjati lill-kontendenti partijiet kif jigi stabbilit minn din l-Qorti occorrendo bil-opera ta' periti nominandi u Nutar Pubbliku sabiex l-att relattiv.

9. Illi in kwantu s-seba' talba tal-attur ma hemmx qbil in vista tal-fatt li ma hemmx assi immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

10. Illi in kwantu it-tmien talba l-istess konvenuta m`ghandhiex l-ebda oggezzjoni li salv ghal dawk li diga' jinsab fil-pussess tal-attur l-oggetti kollha dotali u parafernali tieghu li diga' jinsabu fil-pussess kif stabbilit minn l-Onorabbli Qorti jigu kkonsenjati lill-attur u sussegwentement huwa jinghata l-pjena amministrazzjoni taghhom.

11. Salv risposta ulterjuri.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' Medjazzjoni kontra l-attur li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors guramentat (Kontro-Talba) tal- konvenuta RZ LE G fejn ippremettiet is-segwenti:-**

1. Illi l-kontendenti partijiet kienu zzewgu fit-tmintax (18) ta Mejju tas-sena elf disa' mija wiehed u disghin (1991) gewwa l-Parocca ta' San Pietru Tal-Ktajjen, Birzebbuga.

2. Lill minn liema zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal P li twieled fit-tlieta ta Lulju Tas-sena elf disa mija u hamsa u disghin (1995) u ghnadu hamsa u ghoxrin sena (25), M li twieldet fid-dsatax ta' Ottubru tas sena elf disa mija u tmienja u disghin (1998) u li ghandha tnejn u ghoxrin sena (22), u D twieled fil-wiehed u ghoxrin ta' Jannar Tas-Sena elfejn u tlieta (2003) u li ghandu sbatax-il sena.

3. Illi l-attur rrenda ruhu responsabbli fil-konfront tal-konvenuta u uliedu ta' inter alia sevizzi, eccessi, mohqrija, vjolenza kif ukoll dik psikologika theddid, ingurji gravi, minacci u adulterju.

4. Illi l-esponenti qieghda tipprevalixxi ruhha mir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur rikonvenzjonat sabiex tipprezenta l-kontro-talba taghha.

5. Illi l-esponenti konvenuta taf b`dawn il-fatti personalment.

**Ghaldaqstant** u in vista tal-premess il-konvenuta umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalisiasi dikjarazzjoni ordni, u provvediment opportun joghgobha:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti partijiet ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attur rikonvenzjonat u dan minhabba sevizzi eccessi, mohqrija , vjolenza kif ukoll dik psikologika theddid, ingurji gravi, minacci u adulterju u dan kif ser jigu pruvat fil-mori ta' din il-kawza.

2. Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri DZ lill-esponenti konvenuta.

3. Tikkundana lill-attur rikonvenzjonzat ihallas lill-esponenti konvenuta dik r-retta alimentarja li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti ghaz-zewgt itfal, Da u M ahwa Z oltre' nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni liema ammont ghandu jinqata' direttament mill-paga tieghu u jghaddi f'kont bankarju tal-esponenti konvenuta liema retta ghandha tizdied kull sena skond ir-rata ta' inflazzjoni.

4. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas dik ir-retta alimentari li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bhala manteniment ghall-istess esponenti konvenuta liema retta alimentari ghandha tizdied kull sena skond ir-rata tal-inflazzjoni.

5. Tapplika konta l-attur rikonvenzjonant interament jew in parti id-disposizzjonijiet tal-Artikolu tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta'

Malta u dan skond kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportun fic-cirkustanzi kollha tal-kaz.

6. Tordna l-izgumbrament tal-attur rikonvenzjonat mill-fond matrimonjali ossia Casa Le Gros, 32, Triq St. Edward, Birzebbugia, propjeta' parafernali tal-istess esponenti konvenuta.

7. Tiddjkara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u sussegwentement tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu divizi din il-Qorti, okkorendo bl-opera ta' Periti nominandi.

8. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjonijiet u kuratur sabiex jirrprezenta l-eventwali kontumacja tal-attur rikonvenzjonat fuq l-istess att f' kaz ta' bzonn.

9. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat sabiex jikkonsenja lill-esponenti konvenuta, il-beni kollha parafernali taghha u separatament tordna lill-konvenuta tigi moghtija lilha l-piena amminstrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

10. L-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem il-Medjatur konta l-attur Rikonvenzjonat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Risposta guramentata ta' DZ , ghall-Kontro-talba ta' R Z LE G fejn eccepixxa s-segwenti:-**

1. Illi it-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanta ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt in kwantu mhux misthoqqa u bbazati fuq premessi nveritieri.

2. Illi fir-rigward ta' dak premess minn l-ewwel sar-raba' premessa l-esponent rikonvenzjonat jerga' jtenni illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba adulterju da parte tal-konvenuta u mhux minnu illi tkisser minhabba sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija da parte tal-esponent hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori ta dawn il-proceduri.

3. Illi ghalhekk l-ewwel talba tal-konvenuta rikonvezjonanta ghandha tigi michuda.

4. Illi fir-rigward tat-tieni talba tal-konvenuta rikonvenzjonata, l-esponent jirrileva illi b`effett mill-wiehed u ghoxrin ta' Jannar elfejn u wiehed u ghoxrin, it-tifel tal-kontendenti D , ghalaq it-tmintax il-sena u ghaldaqstant ma ghadux minuri.

5. Illi l-esponent jirreleva f' kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost kull manteniment dovut ghandu jinghata direttament lit-tfal in vista tal-eta' tal-istess tfal u dan sakemm jilhqu l-eta ' ta' tlieta u ghoxrin sena u dment li l-istess tfal ikomplu jistudjaw u ma jibdewx jahdmu full-time.

6. Illi fir-rigward tar-raba' talba tal-konvenuta, l-istess konvenuta rikonvenzjonata ddekadiet mid-dritt ta' manteniment li seta' kien

dovut lilha b ‘konsegwenza tal-adulterju kommess minnha u dan ai termini tal-Artikolu 48 (1)(d) tal-Kodici Civili.

7. Illi fir-rigward tal-hames talba din ukoll ghandha tigi michuda stante kif ser jigi ppruvat kienet il-konvenuta illi wettqet l-adulterju u kif ukoll b ‘konsegwenza ta’ tali adulterju abbandunat lill-familja taghha, inkluz lill-esponenti minghajr ebda raguni valida.

8. Illi b`referenza talba l-esponenti jikkontendi illi f` kull kaz izda minghajr pregudizzju ghandu jigi kkumpensat ghall-miljorament illi ghamel u ghall-mobbli illi akkwista fl-istess fond matrimonjali.

9. Illi b`referenza ghas-seba’ talba hemm qbil illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kif stabbilit u ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi u Nutar Pubbliku sabiex japplika l-att relattiv.

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuta rikonvenzjonant li hi minn issa ngunta biex tidher in subizzjoni.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza

**IKKUNSIDRAT:**

**Fatti**

**1.L-attur** ighid li kien iltaqa' mal-konvenuta fl-1987 u kienu damu erba' snin gharajjes sakemm iddecidew li jizzewwgu fit-18 ta' Mejju, 1991 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, illum kollha maggorenni.

Jispjega li sakemm kellhom it-tfal lanqas kellhom problemi partikolari fiz-zwieg taghhom. Kien biss ghall-habta tas-sena 2014, li kien beda jircievi messaggi minn numru li ma kienx jaf, fejn kien hemm allegazzjonijiet li martu kienet qed tkun infidilha lejh. Il-kunjata tieghu kkonfermat ukoll li kienet irceviet l-istess tip ta' messaggi.

Ighid li ghal bidu ma kienx tah kaz dawn il-messaggi, izda maz-zmien beda jinduna li l-konvenuta kienet tohrog il-Hdud u ddum sal-11 pm. Kienet igieghel lit-tifel iz-zghir biex imur mal-hbieb tal-Muzew sabiex ma jkollix sekkatura.

Kien anke insertahha mixja fit-triq u tkun liebsa pulit u kien hemm okkazzjoni meta ratu kienet marret tinheba, minkejja li sostniet li kienet qed tigbor il-flus minn mal-art ghax kienu waqghulha.

Iz-zwieg beda sejjer lura meta suppost kellu jigborha biex imorru jieklu u kienet gidbet li kienet hdejn l-Ghassa ta' Birzebbuga, meta kien jinstab hemm u damet ghoxrin minuta biex giet.

Kienet anke bdiet tigi d-dar fis-sakra u tibda tghajjru. It-tifla ukoll kienet bdiet tissuspetta li l-konvenuta kellha wicc haddiehor u kienet gibditu l-attenzjoni. Kienet tahdem ma' hu l-attur f'*grocer* u kien jidher li kienet tqatta' izjed hin ticcacra ma' tal-haxix certu wiehed D .

Sa dan iz-zmien, l-attur jammetti li ma kienx qed jitkellem mal-konvenuta u kien ilu jorqod fuq *sofa bed* u dan sabiex jevita l-provokazzjonijiet.

Jikkonferma li l-istess konvenuta ammettiet mieghu li kienet ilha taqlibielu ghal xi hames snin u minn dakinhar iz-zwieg taghhom sfaxxa fix-xejn. Ftit wara sar jaf li r-relazzjoni bejn martu u dan D kienet sfaxxat u dan tal-ahhar beda jibghat messaggi lil bintu u lill-kunjata biex jara ghalfejn il-konvenuta ma kinitx qed tikkomunika mieghu.

Sadanittant ighid li kienu baqghu jghixu flimkien taht l-istess saqaf. Sakemm fis-sajf tas-sena 2017, kien rcieva messagg minghand mara li sallum ma kienx jaf min hi, fejn qaltlu li l-konvenuta ilha tlett gimghat tohrog ma' wiehed li jahdem il-Pavi, fejn kienet tahdem ukoll il-konvenuta. Kien mar sal-Pavi biex jara b'ghajnejh u hemmhekk rawhom flimkien u mar jikkonfrontahom. Wara dina x-xena jghid li l-konvenuta marret taghmel rapport falz fuqu li ghajjarjha. Kien wehel imma jghid li dan kien minhabba li ammetta li kien ghajjarha biex ma jkabbrux l-affarijiet. In kontro-ezami jinnega li jaf li dina l-persuna kien jisimha P u kienet omosesswali li kienet qed tghin lill-konvenuta ssib impjieg *full-time* peress li dak iz-zmien kienet qed tahdem *part-time.*

Prezentement ighid li l-konvenuta m'ghandhiex relazzjoni tajba ma' uliedha u ghalkemm ghadhom jghixu taht l-istess saqaf ighaddi s-somma ta' €500 fix-xahar ghat-tfal M u D, ghalkemm D jghix ma' nanntu.

Dwar id-dar matrimonjali jikkonferma li kienu hadu self minghand l-HSBC u ilhom ghal dawn l-ahhar sentejn ihallsuh, flimkien mal-assikurazzjoni ta' tfaddil li jammonta ghal cirka €81.43 fix-xahar. Fid-dar ighid li hemm xi ghamara u snieter li huma proprjeta' parafernali tieghu.

Izid ighid li qed ihallas polza ta' assikurazzjoni ghaz-zewgt itfal P u M mal-MAPFRE ta' cirka €500, filwaqt li kien ftiehem li l-konvenuta thallas tat-tifel D , izda ma kienx jaf x'kien qed jigri.[1]

Dwar il-loan bankarju mal-HSBC in kontro-ezami jikkonferma li qed ihallas hu u dan jammonta ghal €400 kull xahar, bl-insurance tal-loan ukoll u ghandu ftehim mal-konvenuta li jnaqqsilha nofs il-pagament mill-manteniment tat-tifla. [2]

Ghalhekk lill-konvenuta jaghtiha €56.49 ghax ihallas €200 taghha loan. Lit-tifel itih €250 u dawn imorru direttament ghandu.

In kontro-ezami jikkonferma li ma kienx qed ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma u dan wara li l-konvenuta ma kinitx qed thallih jaghmel uzu mill-affarijiet id-dar peress li kienu qed jghixu taht l-istess saqaf.

Ipprezenta ukoll cekkijiet tal-paga li jircievi mill-part-time.

[1] Doks. DZ 1 u DZ 2

[2] Dok. DZX

Ighid li d-dar ghad ghandu d-deheb, choker, gizirana, crieket u arlogg Rolex u jghid li dawn jinstabu d-dar. Il-kamra tal-pranzu u xi ghamara li tatu ommu. Ighid  li kien ha s-senter biss.

Filwaqt li jikkonferma li d-dar matrimonjali kienet parafernali ghall-konvenuta, izid ighid li kienu xtraw il-madum kollu tad-dar u bidlu dak li kien hemm. Kienu anke biddlu s-soqfa. Ghamlu ukoll aluminium ghat-twieqi, *toilets* u anke l-kcina, poggaman tat-tarag, zewg sulari tal-bitha. Biddlu anke d-dawl u ilma. Kienu anke ghamlu s-soffitti fil-kmamar tal-banju u anke fil-kmamar tas-sodda.

Jichad li l-kamra tas-sodda taghhom kienet taghtilhom nannet il-konvenuta, izda jsostni li kienu xtrawha mill-Fgura Buy and Sell.

Jinnega li kien jerfa' idejh fuq il-konvenuta u jekk kien igholli idejh dan kien ghamlu biex izommha milli tigirfu. Isemmi diversi incidenti fejn kellu jintervjeni t-tifel Paul biex izommha. Jammetti li darba minnhom kien waddab il-fann mal-art u mhux lejha u dan ghaliex kull darba kienet titfihulu.

Jikkonferma ukoll li l-Qorti kienet sabithu hati ta' tghajjir fil-konfront tal-konvenuta u jghid li dan kien minhabba li l-Qorti emmnet lilha.

Dwar il-vettura Hyundai i10 dina kienet inxtrat ghal binthom Maria wara li ggradwat u qiedgha f'ismu peress li t-tifla ghadha taht 25 sena.

Jikkonferma ukoll li l-bilanc fuq il-*home loan* jammonta ghal €14,804.

2. **Il-konvenuta** tispjega li kien ghad kellha 20 sena meta zzewwget lill-attur li dak iz-zmien kellu 28 sena. Tghid li l-attur minn dejjem kien ghajjur u jekk kienet tazzarda tkellem xi ragel iehor kien jaqla' l-inkwiet. Tghid li l-attur ma kienx jafdaha kif kienet tafdah hi u dina kienet il-problema principali taghhom fiz-zwieg.

Dwar it-tfal tghid li ma tantx kien ikollhom argumenti peress li kienet tiehu hsieb it-trobbija taghhom hi, kif ukoll anke l-edukazzjoni taghhom. Kienet anke ssib hafna ghajnuna minghand il-familjari taghha. Fil-fatt tghid li sakemm kellha t-tfal kienet waqfet tahdem, imbaghad regghet bdiet tahdem.

Dak iz-zmien ittenni li l-attur kien jahdem is-Shipbuilding u ghalhekk kien jahdem hinijiet twal. Kien imbaghad telaq u ha s-somma ta' Lm4000. Ghall-habta tas-sena 1998 beda jahdem mas-socjeta' Pantalesco fis-settur tal-kostruzzjoni, fejn ghadu jahdem sallum u kien anke jaghmel xoghol *part-time.*

Il-konvenuta tkompli tispjega li z-zwieg taghhom beda t-triq tan-nizla meta l-attur kien ircieva messagg minghand xi hadd anonimu fejn dina l-persuna bdiet tallega li waqt li kien qed ikun xoghol kienet qed tmur mat-tlett irgiel. Tichad li dan kien minnu, izda tghid li l-attur beda jsegwi l-passi taghha kullimkien. In kontro-ezami tikkonferma li ommha kienet anke rceviet mesaggi anonimi fuqha u qaltilha tinjorahom.

Fi Frar 2016 kienet ghaddejja minn problemi ta' sahha, fejn kienu sabulha xi cesti u ma kienet qalet lil hadd u kienet tmur ghall-

appuntamenti bil-mohbi u tispjega li dan kien mument difficli f'hajjitha.

Tkompli tghid li tul dan il-perjodu hi u l-attur kienu jiggieldu hafna u kien anke wasal sabiex wadbilha fann fuq daharha u waqt il-glieda tallega li kien gidmilha spallejha, tant li spiccat migugha u dahlet l-isptar fis-126 ta' Settembru, 2016.[3]

Fl-1 ta' Settembru, 2017, il-konvenuta tispjega kif kienet bdiet tahdem il-Pavi u kien inqala' incident fejn ir-ragel kien qed isegwiha u wara li waqfet titkellem ma' kollega kien ikkonfrontaha u beda jghajjarha. Spiccaw il-Qorti fejn l-attur kien instab hati u wehel ammenda ta' €100.[4]

Tinsisti li l-attur ma hax lezzjoni ghax wara dan l-incident kien kompla jghajjarha u kienu anke regghu gew fl-idejn fl-2018 u ghalkemm kellha tirrikorri ghand il-pulizija ma kinitx ghamlet rapport u dan minhabba li xtaqet izzomm il-familja maghquda u ssalva z-zwieg.

Izzid tghid li meta l-attur jirrabbja jsir aggressiv u vjolenti u jkisser l-affarijiet.

Fil-5 ta' Gunju, 2018, l-attur kien beda l-proceduri ta' medjazzjoni sabiex jigu awtorizzati jisseparaw, izda baqghu jghixu taht l-istess saqaf. Minkejja dan tghid li l-attur ma kienx jiehu hsieb id-dar, anzi kien jara kif jaghmel u ma jaghmilx it-tiswijiet necessarji sabiex jaghmel iktar hsara.

[3] Dok. A
[4] Dok. B

Dwar it-tfal tikkonferma li P , ilu sitt xhur ighix mat-tfajla u M  tghix id-dar. P  jahdem, izda M  u D  ghadhom qed jistudjaw fuq bazi *full-time*. D , jirrisjedi mal-genituri taghha, imbaghad sakemm sarilha l-kontro-ezami tikkonferma li issa qed ighix id-dar. Dwar M  tghid li fuq perjodu ta' tlett snin kienet tghix id-dar u anke ghand il-genituri taghha u dan stante li kienu qed jibnu hdejha u kien ikun hemm l-istorbju u kien ikollha problemi sabiex tistudja.

Tikkonferma ukoll li l-attur kien ihalliha tmexxi l-paga tieghu li kienet tiddeposita fil-kont kongunt tal-HSBC Bank Malta plc. Il-paga tal-*part-time* kien izommha l-attur, diment li ma kienx ikollu ghaliex f'dak il-kaz kien juza mill-paga principali tieghu.

Tkompli tispjega li l-attur ighaddi manteniment ghal D fis-somma ta' €250 fix-xahar u ilu jaghmel dan minn Jannar 2020 u llum peress li sar maggorenni jghaddi l-manteniment direttament lilu. Il-€250 ghal M jghaddihom lilha.

In kontro-ezami tikkonferma li kienu hadu l*oan* sabiex akkwistaw il-kompjuters ghat-tfal u hallsuh u kienet ghenithom ommha.

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

Il-konvenuta tispjega li maz-zwieg kienu marru joqoghdu 20/5 Triq Professur Anton Tabone, B'Bugia u wara li twieled it-tielet wild marru jghixu mal-genituri taghha ghal cirka tlett snin, meta mbaghad marru joqoghdu gewwa l-indirizz 32, St.Edward Str, B'Bugia . Tghid li dawn

iz-zewg proprjetatjiet inghataw lilha mill-genituri taghha permezz ta' donazzjonijiet li saru fl-atti tan-Nutar Dr.Ruben Casingena fl-1 ta' Awissu, 2006.

Tispjega li meta dahlu fid-dar matrimonjali kienu sabu l-maggorparti tal-affarijiet lesti bhal balavostri u tarag. Il-kamra tal-banju u l-madum kien tpogga cirka 25 sena ilu. Izid tghid ukoll li hafna mill-ghamara kienet inghatat lilhom miz-zijiet, fosthom mejda tal-ikel u siggijiet, sufan, zewg wallunits u coffee table. Anke l-kmamar tas-sodda kienu parafernali, filwaqt li biex dahlu fil-post kien ghamlu biss it-tibjid u xtraw cooker u fridge, ghalhekk ma kinux nefqu hafna flus.

Qabel iz-zwieg tgghid li l-attur kien xtara Ford Anglea, li kienet giet *scrapped* u sussegwentement ommha kienet assenjatlu zewg vetturi Ford Cortina u Ford Capri li t-tnejn gew *scrapped.*

Fiz-zwieg ittenni ukoll li kienu hadu zewg *loans*, wiehed mal-Bank of Valletta plc u l-ohra mal-HSBC Bank Malta plc. Sabiex hadu l-*loan* mill-HSBC Bank Malta plc kienu rregistraw ipoteka specjali fuq il-proprjeta' parafernali taghha u cioe' St.Edward Str, B'Bugia. Minn dan is-self kienu hallsu l-ammont ta' €1, 770 direttament lil Bank of Valletta plc ghas-self relatat mal-kont numru 400146929-3 u kienu hallsu ukoll l-ammont ta' €14, 598 lil Bank of Valletta plc. Fuq is-self relatat mal-kont numru 4001526180 u dan is-self kien fuq vettura Subaru bin-numru ta' registrazzjoni DOM 018, liema vettura tinstab registrata fuq l-attur u dejjem ghamel uzu minnha hu. Recentement tghid li dina l-vettura giet *scrapped*.

Tkompli tghid li l-kumplament tal-flejjes li kien hemm f'dan is-self li kienu jammontaw ghall-€30,197 intuzaw mill-attur sabiex mar gimgha l-Inghilterra ma' huh u siehbu. Kienu uzaw ukoll parti minn dawn il-flus fuq safra Corfu li kienet rebhet u l-bqija uzawhom ghall-hajja ta' kuljum.

Ghandhom polza ta' assikurazzjoni numru 100-017148 mahruga bhala Savings Plan ghal mas-self u din tghajjat lill-partijiet.Tghid ukoll li kienu hadu polza ohra mal-Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited fuq it-tfal P u M izda tghajjat lilhom u eventwalment kienu jhallsu Lm200 (€465.88) f'Awissu ta' kull sena. Izzid tghid li dawn kienu jithallsu mill-flus tac-childrens allowance u anke mill-flus li t-tfal kienu jaqilghu fl-okkazzjonijiet u festi.

Kienu ukoll fethu polza ohra ghat-tifel iz-zghir. Ghal dina l-polza jhallsu €500 kull xahar ta' Ottubru ta' kull sena.

Il-konvenuta tkompli tispjega li mis-sena 2020 l-attur ihallas €250 manteniment direttament lit-tifel D , u lilha l-flus li suppost ighaddilha ghat-tifla M, jaqta' sehemha mil-loan li ghad hemm mal-HSBC Bank Malta plc li jhallas hu.

Dwar il-kontijiet tad-dawl u ilma tghid li minn dejjem kienet thallas dawn il-kontijiet hi u kien biss bl-ghajnuna t'ommhom li setghet tkampa. Tghid ukoll li kien hemm mumenti fejn kienet tbati finanzjarjament sabiex thallas dawn il-kontijiet u kien ghalhekk li hafna drabi kien ikollha tidhol f'payment agreement mal-ARMS limited.

Tikkonferma li tahdem bhala *waitress* fir-restaurant Ferretti u tithallas €6 is-siegha u qiedgha mpjegata *full-time.* In kontro-ezami tinnega li ghandha proprjeta' B'Bugia li tikriha, tammetti li taghtilha ommha u qiedgha f'isimiha pero' l-kera tehodha ommha u tiehu hsieb kollox ommha.

Il-proprjeta' l-ohra giet tghajjat lilha fl-2007 permezz ta' donazzjoni. Tikkonferma li f'din il-proprjeta' qabel iz-zwieg, kienu bidlu xi madum u kienu qabdu lil xi hadd sabiex jaghmel dawn ix-xogholijiet. Tikkonferma ukoll li kienu saru l-kmamar tal-banju, certu soffitti fil-kmamar tas-sodda (tnejn) u tghid li hallset ghalihom hi.

Kienu anke saru x-xogholijiet tad-dawl u ilma u kienu hallsuhom nofs kull wiehed. Tikkonferma ukoll li l-attur kien ghamel ix-xoghol tat-tibjid.

Izzid tghid li wara z-zwieg xtraw xi ftit ghamara. Il-kcina ma kinitx saret waqt iz-zwieg, izda kienu biddlu l-*cupboards* u kienu hallsu xi LM600. Tikkonferma ukoll li kienu xtraw l-appliances fiz-zwieg ukoll, *cooker* u *fridge* u kienu hallsu xi Lm300 il-wiehed.

Tinsisti li m'ghandhiex d-dehebijiet u lanqas l-arlogg tal-attur. Kien ha xi affarijiet u tghid li hemm xi senter li kien wiret u kien ghadu d-dar.

Dwar il-poloz ta' assikurazzjoni f'isem it-tfal tghid li mhix qed thallas minn mindu bdew bil-proceduri l-Qorti u ma kienx hemm ftehim li hi thallas wahda minnhom biss.

Tinnega li meta bdiet il-medjazzjoni kienet gibdet xi flus mill-kont kongunt li kellhom mal-HSBC. L-ahhar li gibdet il-flus tghid li kien fl-2016 u dan peress minn April, 2016, l-attur ma kien beda jaghtiha xejn u kellha bzonn il-flus ghall-bzonnijiet tal-familja.

**3. Josianne Briffa**, in rapprezentanza ta' Mapfre MSV Life fil-kapacita' taghha ta' Chief Compliance Officer tikkonferma li rigward il-polza bin-numru FP414820, il-*premium* kien jithallas kull *quarterly* u illum kull sena . Il-valur tal-polza jammonta ghal €12, 262.50 u l-assikurazzjoni hija fuq il-hajja tal-partijiet. Din il-polza ghandha Automatic Premium Loan ta' €503.46.

Dwar polza li ggib in-numru FP442959 din ghandha Automatic Premium Loan ta' €1,603.83 .

Permezz ta' nota fl-atti tal-kawza kkonfermat li hemm distakk bejn is-*surrender value* u l-*premiums* li gew imhallsa huwa principalment ghaliex il-premiums dovuti (Automatic Premium Loan) fuq kull polza huwa mnaqqsa mis-*surrender value*.

Izzid ighid li s-*surrender charges* jitnaqqsu bhala percentwal fuq kull sena li fadal sal-maturita' u ghalhekk ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li l-polza FP 414820 ser timmatura fl-2026 u l-polza FP 442959 ser timmatura fl-2028.

Pprezenta ukoll id-dettalji tal-pagamenti li saru ghall-polza bin-numru FP414820 u FP 442959.[5]

4. **Louis Buhagiar** in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-*employment history* tal-konvenuta.[6]

Ipprezenta ukoll l-*employment history* tal-attur.[7] Jikkonferma li skond ir-ricerka jirrizulta li huwa impjegat *full-time* ma' Panta Contracting Limited u kien beda fl-20 ta' Jannar, 2000. Jirrizulta ukoll li jahdem *part-time* ma'  JA b hala kok fil-15 ta' Lulju, 2016.

5. **Johanna Bartolo,** in rapprezentanza tal-Bank of Valetta plc tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet irrizultaw is-segwenti kontjiet bankarji  f'isem il-konvenuta:-

- Savings account li ghadu miftuh[8]
- Savings account kongunt li ghadu miftuh[9]
- Supplementary credit card fuq credit account tal-attur li huwa maghluq[10].

6. **Joseph Debono**, in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi pprezenta Tax Payer Registration Form f'isem l-attur minn fejn jirrizulta li kienu zzewwgu fl-1991 u sseparaw fil-5 ta' Gunju, 2018.[11]

---

[5] Dok. A U B annessi man-nota a fol. 165 tal-process.
[6] Dok. LB 1 /LB 1
[7] Dok. LB 1
[8] Dok. BOV 1
[9] Dok. BOV 2
[10] Dok. BOV 3
[11] Dok. JD 1

Ipprezenta ukoll non-filers statement ghas-sena bazi 2010, 2011, 2012, 2013, 2014, 2015 u 2016. Ghas-sena bazi 2017 gew pprezentat tax returns.[12]

Jekk il-partijiet jixtiequ jistghu jinfurmaw id-Diparttiment li huma sseparati *de facto* sabiex ikun hemm komputazzjoni separata.

Jikkonferma li kien hemm €16, 000 qabel il-hlas tat-taxxa, imbaghad *joint computation* bir-rati ta' koppja mizzewwga. It-taxxa hija ta' €260 li thallsu by FSS.

7. **Maurizio Falzon**, PS 1568, ipprezenta licenzja dwar l-armi tan-nar f'isem l-attur[13].

8. **Lorraine Attard**, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet jirrizulta li hemm loan account f'isem il-partijet bin-numru 18039368 u pprezentat is-*sanction letter* relatat mal-istess loan account.[14]

   Tikkonferma ukoll li sat-28 ta' Mejju, 2021, il-bilanc dovut kien jammonta ghal €19, 978.10 u interessi fl-ammont ta' €47.75.

   Ipprezentat ukoll diversi dokumenti.[15]

---

[12] Dok. JD 9
[13] Dok. MF 1
[14] Doks. LA 1 u LA 2
[15] Doks. LA 1 – LA 6

Ipprezentat ukoll kopja tas-*sanction letter* tal-loan account li hemm mal-Mortgages Department in-numru 18039368.[16]

Ikkonfermat ukoll li mir-ricerka li ghamlet mill-2001 'l quddiem irrizultawlha s-segwenti kontijiet bankarji:-

i) Savings account bin-numru 047030994050 li ghadu miftuh u l-bilanc kien ta' 29 cents.[17]

ii) Savings account bin-numru 04703094053 illum maghluq u kien inghalaq b'bilanc ta' €306.35[18]

iii) Current account bin-numru 047030994001 illum maghluq.[19]

iv) Savings account bin-numru 047030994502 illum maghluq[20]

v) Savings account bin-numru 047030994051 illum maghluq.[21]

Irrizultaw ukoll kontijiet kongunti – savings account bin-numru 047030978050 li ghadu miftuh.[22]

Tikkonferma li jirrizultaw entrati li jidhru li qed jithallas il-loan. Tikkonferma li fil-fatt hemm Loan Account mal-Mortgages Department bin-numru 18039368 li ghadu miftuh.[23]

Loan Account bin-numru 047030978301 illum maghluq.[24]

Loan Account bin-numru 047030978300 illum maghluq.

---

[16] Dok. LA1

[17] Doks. LA 1 u LA 2

[18] Doks. LA 3 u LA 4

[19] Doks. LA 5 u LA 6

[20] Doks. LA 7 u LA 8

[21] Doks. LA 9 u LA 10

[22] Doks LA 11 u LA 12

[23] Doks. LA 13

[24] Doks. LA 14

Loan Account bin-numru 047030978301.

9. **Raisa Marie Farrugia** PC 2179 mill-Ghassa taz-Zejtun tikkonferma li dwar licenzji tal-armi tan-nar kien hemm irregistrat shotgun Winchester (side by side automatic, muzzle loading) fl-1999 fuq J Z u issa tinstab registrata fuq l-attur sas mis-sena 2013.

Dwar is-*single barrel* tghid li dina l-ewwel fl-1999 kienet irregistrata fuq J Z, fl-2013 fuq A Z  u fl-2018 fuq l-attur.

Tikkonferma ukoll li l-attur ghandu l-licenzja ghall-gar tal-arma tan-nar ghall-kacca tal-ghasafar minn fuq l-art. Is-*signal pistol* ghandu serial number 33218. Inoltre, ghandu licenzja sabiex izomm *shotgun* tal-kacca ghall-gammiem u summien u ghall-kacca ghall-ghasafar.[25]

Tikkonferma ukoll li l-licenzja valida.

Ipprezentat ukoll diversi dokumenti ohra.[26]

Ziedet tghid li skond is-sistema taghhom, l-attur kellu erba' armi rregistrati fuqu *shotgun double barrel*l u ilu ghandu minn 1986 u ghadu ghandu, iehor shot gun Winchester *single barrell automatic,* li ilu ghandu minn Jannar 1987, iehor *single pistol*, English make barrell  dan ilu ghandu mill-4 ta' April, 2018.

---

[25] Doks. RF1 – RF 3

[26] Doks. RF 1 – Rf 3

Tikkonferma li dan kien irregistrat fuq JZ , imbaghad fuq AZ u fl-ahhar fuq l-attur u gie "transferred from person,"

Dwar *muzzle gun*, Belgian make *double barrell* u ilu ghand l-attur mit-30 ta' Jannar, 2013 u qabel kien ghand JZ u gie "transferred from person."[27]

Epprezentat ukoll dokumenti ohra.[28]

10. **Dr. Jeanine Schembri**, ghan-nom tal-klijent ta' Mamo TCV, Mapfre MSV Life plc. tikkonferma li rigward il-polza FP414820 is-*surrender value* huwa diga' bl-APL, jigifieri l-valur huwa dak indikat fl-istess document. L-investiment huwa l-valur tal-investment fil-jum tad-dokument.[29] Il-baby band kienet f'isem M u PZ LE G.

Fir-rigward tal-polza FP 442959 tghid li s-*surrender value* huwa dak imnizzel fid-Dokument JB 2 u minghajr tnaqqis. Beneficcjarji m'hemmx. Fil-polza kien hemm appuntat ghal baby band option DZ LE G .[30]

11. **Miguel Mercieca**, Accountant ma' Ferretti Catering Ltd. Ikkonferma li l-konvenuta tahdem mas-socjeta' Ferretti Catering Ltd. Bhala *waitress* fuq bazi *full-time* sa minn Lulju, 2019 u qabel kienet

[27] Doks. RF2 u RF 3
[28] Dok. LAX 1
[29] Doks. JB 1
[30] Dok. JB 2

tahdem *part-time.* Hi tithallas €7 kull siegha *gross.* Ipprezenta l-FS 3's tas-sena 2020 u l-ahhar tlett payslips ta' dina s-sena.[31]

Jghid ukoll li l-paga *gross* ghal-Lulju 2021 kien ta' €1213, f'Awissu, €1188 u Settembru, €1334. Izid ighid li t-tips jinqasmu kull filghaxija u oltre minn hekk l-introjtu tas-sena 2020 kien fuq *supplement* tal-Covid u ghalhekk mhux rifless bhala sena normali. Ikkonferma li ghadha mpjegata maghhom.

12. **R Z,** hu l-attur jikkonferma li qabel ma' miet missierhom kien tah l-isnieter lill-attur, Dawn kienu snieter tal-kacca. Zied ighid ukoll li kien hemm xi armi tal-gwerra u hutu qassmuhom bejniethom, izda hu ma kienx hadhom. Qalghulhom il-molol sabiex ma jintuzawx zgur u jghid li kienu antiki. Jikkonferma li kien hemm xi *flare gun* u anke *submachine.*

13. **Lorraine Attard**, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet irrizultaw is-segwenti kontijiet bankarji:-

F'isem l-attur :-

- Savings account bin-numru 0470300986050[32]
- Zewg Credit card accounts illum maghluqin[33]

---

[31] Doks. MM 1 – MM 4
[32] Dok.LA 1
[33] Doks. LA 2

Kontijiet kongunti

- Savings account bin-numru 047030978050 li ghadu miftuh[34]
- Kien hemm kont mal-Mortgages Department bin-numru 18039368 li ghadu miftuh.[35]
- Loan account bin-numru 047030978301 li llum huwa maghluq.[36]
- Zewg Loan accounts wiehed bin-numru 047030978300 illum maghluq u l-iehor 047030978301 liema kont illum jinstab maghluq.

14. **Johanna Bartolo** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizultaw kontijiet kongunti li huma s-segwenti:-

- Savings account 13503734019 li ghadu miftuh[37]
- Savings account 40012677274 maghluq[38]
- loan account 40014692943 illum m aghluq[39]
- loan account 40015261807 illum maghluq[40].

Ipprezentat ukoll diversi dokumenti.Doks. BOV 1 – BOV 5.

15. **Dr. Christopher Spiteri** ghan-nom ta' Transport Malta ipprezenta informazzjoni dwar vetturi appartenenti lill-partijiet.[41]

---

[34] Doks. LA 3 u LA 4
[35] Dok. LA 5
[36] Dok. LA 6
[37] Dok. BOV 1
[38] Dok.BoV 2
[39] Dok. BOV 3
[40] Dok. BOV 4
[41] Doks. CS1 u CS 2

Ipprezenta ukoll vetturi rregistrati fuq isem il-partijiet ghal dawn l-ahhar ghaxar snin.[42]

Ighid ukoll li dwar il-Ford Anglea, Subaru Samba, Fiat 127 dawn kollha huma *scrapped*. In kwantu ghal Cortina, din hija *garaged.* Ikkonferma ukoll li l-Hyundai 110 ghadha fit-triq.[43]

16. **Martin Vella** in rapprezentanza ta' PantaLesco ltd. Ipprezenta dokumentazzjoni dwar l-impjieg tal-attur.[44]

Ipprezenta ukoll dikjarazzjoni tieghu fejn xehed dwar l-introjtu prezenti tal-attur, il-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu, il-ftehim kollettiv li hemm fis-sehh u pprezenta tabella tal-ahhar ghaxar snin, kif ukoll anness maghhom l-FS3's ghal kull sena fejn hemm indikat l-introjtu nett tieghu.[45]

17. **Reuben Bonnici** in rapprezentanza ta' ARMS Ltd. Ipprezenta diversi kontijiet.[46]

Jikkonferma li l-pagamenti kienu qed isiru l-Maltapost u generalment tinhareg ircevuta ghall-persuna li tkun ghamlet il-pagament. Ipprezenta ukoll agreement li kien sar fl-2019 iffirmat mill-konvenuta fejn kienet qed taghmel pagamenti mensili fuq il-kontijiet.

---

[42] Dok. CS 1
[43] Doks. CS1 u CS 2
[44] Dok. MV
[45] Dok. MV
[46] Doks. RB 1 – RB 4

Ipprezenta l-ahhar kont mahrug mill-ARMS u kkonferma li huwa ntestat f'isem il-konvenuta. Ighid ukoll li l-konvenuta kienet ilha thallas il-kontijiet ghal dawn l-ahhar hames snin.

Bhala bilanc jikkonferma li huwa zero.

18. **Saviour Theuma** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta rendikont tal-beneficcji li ha l-attur fuq perjodu ta' sitt snin.[47]

Dwar il-beneficcji li rceviet il-konvenuta jikkonferma li dina rceviet bejn is-snin 2018 u 2019 ic-chidrens allowance, li mbaghad waqaf u bdiet tircievi prattikament bejn 2020-2022, xi beneficcji tal-mard, *sick leave* u ma thallsetx xejn ghadha.

19. **Marvic Borg,** PS2022 in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezentat rapporti li saru mill-konvenuta fil-konfront tal-attur.[48]

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**<u>Responsabbilita'</u>**

L-attur qed jaddebita l-htija tas-separazzjoni lill-konvenuta minhabba li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, filwaqt li l-konvenuta

[47] Doks. ST1

[48] Doks. MB 1 u MB 2

fil-kontro-talba taghha qed tabbita lill-attur diversi aggravji tas-separazzjoni kif ikkontemplati taht l-ligi minn sevizzi, eccessi, ingurji gravi, mohqrija, minacci u adulterju.

**<u>Adulterju</u>**

F'diversi okkazzjonijiet dina l-Qorti stabbilit li bhala aggravju tas-separazzjoni sabiex jigi ppruvat l-adulterju jehtieg li "jigi ppruvat permezz ta' ndizji u prezunzjonijiet purche' jkunu gravi, precizi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika."[49]

Fil-kawza **Josephine Edwards vs Avukat Dr.Joseph a. Xuereb noe**. Il-Qorti qalet illi;

> "***Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza "de visu," jew il-flagranza, bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, li jwasslu lill-gudikant ghall-konvincement tal-fatt."***

**Adulterju tal-konvenuta**

L-attur jishaq li sakemm kellhom it-tfal ma kellhomx xi problemi partikolari fiz-zwieg, kien biss wara meta l-konvenuta kienet bdiet tohrog filghaxijiet u hafna drabi tirritorna lura fis-sakra.

---

[49] Rita Schembri vs Dot. Albert Grech et.noe.

Il-konvenuta tirribatti din l-allegazzjoni u tghid li dawn l-akkuzi huma frott biss tal-ghira ezagerata li ghandu l-attur fil-konfront taghha, tant li kien anke sahansitra jsir vjolenti maghha.

L-attur jallega li l-adulterju gie kommess ma' certu D , li kellu hanut tal-haxix faccata tal-hanut ta' huh fejn kienet tmur tghin il-konvenuta. Skond l-attur kienet tqatta' hafna hin ticcacra mieghu, izda madanakollu ma ressaqx lil huh sabiex jikkonferma dan.

L-attur xehed ukoll li kien ircieva messagg anonimu fejn infurmawh li l-konvenuta kienet qed twettaq adulterju u l-istess messagg kienet ircevietu omm il-konvenuta. Dawn il-fatti mhumiex ikkontestati mill-konvenuta.

Inoltre, l-attur jikkonferma li l-konvenuta stess kienet ammettiet mieghu li kienet ilha taqlibielu ghal hames snin.

Suspetti tal-infedelta' tal-konvenuta kienu anke ta' binthom M, pero' l-attur jaghmilha cara li ma xtaqitx titla' tixhed kontra ommha u dan meta skond l-attur kemm hu kif ukoll binthom M, kienu kkonfrontaw lil dan D meta baqa' jibghat messaggi sabiex isaqsi ghalfejn il-konvenuta ma kinitx qed tiltaqghu mieghu izjed,

L-attur semma incident iehor sabiex jikkonvinci lil dina l-Qorti li kien hemm adulterju u dan meta, waqt li l-konvenuta kienet bdiet tahdem Pama, kien mar isegwiha u ghad jistenna gewwa kafe' fejn ra wiehed ragel li jirreferi ghalih bhala kollega tal-konvenuta jaghti wisq kunfidenzi u kien mar jikkonfrontahom, tant li spiccaw il-Qorti. Quddiem il-Qorti, l-attur kien ammetta l-incident u dan sabiex jevita

li jeskalaw l-affarijiet. Inoltre, in kontro-ezami, gie anke allegat li dina l-persuna li maghha kien ra lill-konvenuta hija omosesswali li ggib l-isem ta' P .

Il-Qorti tirrileva li dawn il-provi *per se* mhumiex provi sufficjenti li jikkonvincuha li kien hemm adulterju sal-grad rikjest mil-ligi, Mhumiex cari, konkordanti u lanqas ma jirrapprezentaw indizji cari.

Ciononostante, dina l-Qorti mhix konvinta xejn li l-konvenuta kienet xi mara idejali li tiddedika l-hin taghha lill-familja u jekk l-attur kien ghajjur u possessiv, certament hemm indikazzjonijiet li kien hemm certi kunfidenzi zejda mal-irgiel, peress li kemm il-messaggi anonimi, kif ukoll il-fatt li l-konvenuta ma tantx innegat dak kollu li xehed fuqu l-attur ma jaghmlux il-verzjoni taghha daqstant kredibbli u ghalhekk jista' jigu addebitati lilha ingurji gravi u sevizzi fil-konfront tal-attur.

**<u>Adulterju tal-attur</u>**

Kien biss lejn l-ahhar tal-proceduri li l-konvenuta ressqet provi sabiex takkuza lill-attur li kkommetta adulterju fil-konfront taghha. Il-provi li ressqet kienu permezz ta' nota a fol. 834 tal-process, fejn pproduciet Valentine Card mibghuta lill-attur u kienet sabitha fid-*dustbin*, kif ukoll ritratt tal-attur ma' mara femminili li fil-fehma tal-attur kienet imbabza peress li fir-ritratt originali kien hemm anke ir-ragel ta' dina l-istess mara, tant li talab li anke jipproduci dan l-istess ritratt.

Dina l-Qorti temmen li l-verzjoni tal-konvenuta hija wisq koincidenza u mhux veritiera. Giet ipprezentata wara li kwazi l-proceduri waslu fil-final taghhom. Anke jekk in pessima ipotesi kien hemm adulterju kommess da parti tal-attur, certament kien jissemma ferm qabel u ghaldaqstant dina l-Qorti mhix konvinta li kien il-kagun tal-problemi maritali taghhom.

**Vjolenza tal-attur**

Il-konvenuta tinsisti li problema li waslet ghat-tifrik fiz-zwieg taghhom kien peress li l-attur kien issir vjolenti u tirrferi ghall-incident li sehh Pama, fejn kellhom jintervjenu l-Pulizija. L-attur isostni li l-verzjoni tal-konvenuta hija inveritiera ghall-ahhar, tant hu hekk li l-unika prova li ressqet kienet il-Case Summary Report fejn kienet allegat li kien waddbilha fan f'ghonqha u per konsegwenza kienet waqghet mal-art ghal daharha u l-attur kien gidmilha spallitha.

Il-Case Summary Report, jissottometti l-attur jirreferi ghall-fatt li l-konvenuta kienet ilha tilmenta li ghal l-ahhar jumejn kellha ugigh f'zaqqha ta' natura gastrika u dan kien ghall-habta ta' Settembru, 2016, meta l-incident tal-fan kien sehh f'Awissu, 2016.

Dan iwassal sabiex dina l-Qorti mhi konvinta xejn bl-allegazzjonijiet tal-konvenuta li l-attur irrenda ruhu hati ta' vjolenza. Jekk kien hemm xi episodji kienu minimi u dan wara li l-hajja bejniethom saret insopportabbli.

In kwantu jirrigwarda l-aggravi l-ohra l-konvenuta naqset li tipprovahom.

**Manteniment tal-Partijiet**

Il-konvenuta tirrileva li ghamlet xi zmien fejn ma hadmitx u kien biss wara li tfarfru t-tfal li regghet harget tahdem. Illi prezentement tahdem bhala waitress gewwa r-restaurant Ferretti u billi tahdem fuq bazi *full-time* qieghdha tirtira r-raba' talba mressqa minnha fejn talbet li jigi akkordat manteniment lilha.

**Kura u Kustodja/Manteniment ghat-tfal**

Illi fil-mori tal-proceduri, it-tfal kollha saru maggorenni u ghaldaqstant dina l-Qorti mhix ser tippronunzja ruhha f'dan ir-rigward.

In kwantu jirrigwarda t-talba ghall-manteniment, illum it-tfal kollha huma maggorenni u lkoll itterminaw l-istudji taghhom u jahdmu fuq bazi *full-time* u ghalhekk m'ghadx hemm lok ghall-hlas ta' manteniment.

Madanakollu, il-konvenuta qed tippretendi li jkun hemm hlas ta' arretrati ta' manteniment u dan minhabba li l-attur kien beda l-proceduri ta' medjazzjoni fil-5 ta' Gunju, 2018, liema proceduri kienu nqalqu u regghu nfethu fil-5 ta' Frar, 2019 u sa Dicembru, 2019, l-attur ma hallas ebda manteniment u ghaldaqstant qed titlob li l-attur ghandu jhallas €500 ghal dan il-perjodu ghat-tfal Maria u Dale peress li tal-ewwel f'dak il-perjodu kienet ghadha qed tistudja u Dale kien ghadu minuri.

Bir-rispett kollu, il-konvenuta kellha kull opportunita' li tiftah proceduri hi stess sabiex titlob is-separazzjoni u titlob *pendente lite,* manteniment ghall-uliedha, haga li naqset li taghmel u ghalhekk ma tistax issa tippretendi li l-attur ghandu jhallas arretrati ta' manteniment u jirrizulta ukoll li l-attur kien baqa' jhallas l-loan ezistenti li kellhom.

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

**<u>1.Kontijiet Bankarji</u>**

Mill-provi prodotti hemm qbil bejn il-partijiet li bhala kontijiet bankarji miftuhin il-partijiet ghandhom is-segwenti:-

**<u>Bank of Valletta plc.</u>**

- Kont f'isem il-konvenuta bin-numru 13505764016
- Kont kongunt f'isem il-partijiet bin-numru 13503734019

**<u>HSBC Bank Malta plc.</u>**

- Savings Account f'isem l-attur bin-numru 047030986050
- Joint account bin-numru 047030978050

Il-partijiet qed jaqblu li dawn il-kontijiet ghandhom jigu likwidati u divizi bejniethom.

**<u>2. Poloz ta' Assikurazzjoni</u>**

Mir-rizultanzi processwali jista' jigi kkonfermat li jezistu zewg poloz ta' assikurazzjoni mal-Mapfre MSV Life li huma s-segwenti:-

- FP414820 li timmatura fil-25 ta' Ottubru, 2026[50]li tghajjat lit-tfal P u M ;
- FP 442959 li timmatura fl-1 ta' Ottubru, 2028[51] li tghajjat lit-tifel D.

L-attur jinsisti li kien hemm ftehim li hu ghandu jhallas il-polza ta'  P  u M. verzjoni totalment kontrastanti in kwantu tallega li qatt ma kien hemm ftehim dwar min kellu jhallas dawn il-poloz, izda qabel kienet thallashom hi mic-childrens allowance u mill-flus li kienu jircievu t-tfal fil-Milied, gheluq sninhom u festi simili.

Itenni li l-attur iddecieda li jibda jhallas hu u beda jhallas l-polza li kienet l-irhas.

Tenut kont li hemm diskrepanza minima bejn iz-zewg poloz (l-ewwel polza €465.88 fis-sena u t-tieni wahda €500 fis-sena) il-Qorti tordna li sakemm jimmatura l-ewwel polza ghandha tithallas mill-attur, filwaqt li t-tieni wahda ghandha tithallas mill-konvenuta.

Mal-maturazzjoni tal-istess poloz, il-benefikati ghandhom jithallsu lit-tfal rispettivi.

**3.Armi tan-Nar**

La darba m'hemmx oggezzjoni l-armi elenkati mill-Firearm Owners Report ghandhom jigu assenjati lill-attur u cioe':-

---

[50] Dok. JB 1 a fol, 74
[51] Dok. JB 2 a fol. 75

- Winchester shotgun double barrel (USA)
- Winchester shotgun single barrel (USA)
- Muzzlegun
- Single Pistol (UK)

**4. Vettura**

Dwar il-vettura Hyundai Hatchback bin-numru ta' registrazzjoni GBZ 779 hemm qbil, li ghalkemm hija registrata fuq isem l-attur qed tintuza mit-tifla. Il-Qorti taqbel ma' dak propost mill-konvenuta li dina l-istess vettura ghandha tigi ttrasferita fuq isem it-tifla.

**5. Dar Matrimonjali**

Hemm qbil li d-dar matrimonjali hija parafernali ghall-konvenuta u dan stante li nghatat lilha permezz ta' donazzjoni mill-ġenituri taghha u dan kif jirrizulta mill-atti tan-Nutar Dr. Ruben Casingena, izda l-attur qed jinsisti li ghandu jithallas sehemhu tal-benefikati li ghamlu fl-istess fond. Huwa f'dan is-sens li hemm verzjonijiet kontrastanti bejn il-partijiet ghaliex il-konvenuta tinsisti li ma kienux saru xogholjiet fil-fond, semplicement ghamlu t-tibjid u anke kienu xtraw *cooker u fridge*.

Hemm qbil ukoll li sabiex saru dawn ix-xogholijiet ta' finishings kienu hadu self bankjarju mal-HSBC Bank fl-ammont ta' **Lm20,000** ekwivalenti ghall-**€46,587.46** [52] Minkejja li l-konvenuta taqbel ma' dan tirrileva li dan is-self

[52] Sanction letter a fol. 178

ma kienx interament ghall-iffinanzjar tal-ghamara u l-appliances, izda anke sabiex jiffinanzjaw ukoll self mill-Bank of Valletta plc.

Mill-provi li ressqet il-konvenuta jirrizulta li minn dan is-self, **€15,565.52** kienu marru sabiex jigu saldati s-self li kellhom mal-Bank of Valletta plc. u ghalhekk ir-rimanenti **€31,021.94** kien l-ammont intiz "to purchase furniture and appliances."

**Ghalhekk, dina l-Qorti tordna li l-attur ghandu jithallas sehemhu mill-istess ammont u cioe' l-ammont ta' <u>€15,510.50.</u>**

Jibqa' biex jigi kkunsidrat min ghandu jkompli jhallas is-self mal-HSBC li sal-20 ta' Mejju, 2023 kellu bilanc ta' €14,804. Konsiderando li l-fond huwa parafernali ghall-konvenuta u konsiderando ukoll li ghalkemm l-attur kien assuma wahdu l-hlas ta' dan il-self, dan kien minhabba li kien manteniment dovut ghat-tifla Maria u kien jigi saldat b'tali hlas, dan is-self fil-kont kongunt 18039368 HSBC ghandu jigi trasferit fuq il-konvenuta.

Jirrizulta ukoll li fuq dan il-fond kien hemm il-kontijiet tad-dawl u ilma u mill-assjem tal-provi jirrizulta li dawn kienu qed jithallsu regolarment mill-konvenuta u dan gie ukoll ikkonfermat mir-rapprezentanti tal-ARMS stess. Dan kien fl-istess perjodu li l-attur kien qieghed fid-dar matrimonjali. L-istess attur jammetti li ma kienx qed ihallas peress li l-konvenuta kienet qed timpedih milli jaghmel uzu mill-gyzer, washing machine u oggetti ohra li jikkunsmaw l-elettriku,

Jirrizulta ukoll li l-konvenuta kienet baqghet thallas bejn it-8 ta' Ottubru, 2019 sat-8 ta' Frar, 2023 li jammontaw ghas-somma ta' €2004.19 u ghalhekk qed tippretendi li l-attur ghandhu jikkontribwixxi ghal nofs dawn l-ispejjes.

Tenut kont tal-fatt li l-attur kien assuma l-hlas tal-loan u inoltre tenut kont li l-konvenuta hija hatja ta' dina s-separazzjoni, m'hemmx raguni li jiggustifika li l-attur ghandu jassumi nofs il-hlas ta' dawn l-ispejjes tad-dawl u ilma.

Fl-ahhar lok, kwalsijasi dejn li gie kkawzat minn parti jew ohra ghandu jithallas minn dik il-parti li kkawzat dak l-istess dejn. Dan qed jinghad in partikolari ghas-sekwestru li gie indikat mill-attur f'rikors tieghu datat 23 ta' Lulju 2024, imwiegeb b'nota tal-konvenuta datata 7 ta' Awwissu 2024, u ghal kwalunkwe dejn iehor li jista' jirrisulta wara li din is-sentenza tigi res judicata.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-raguniijiet dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et*

*thoro* minhabba ngurji gravi u sevizzi kommessi da parti tal-konvenuta.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante li llum Dale sar maggorenni.
3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba u dan stante li kemm M  kif ukoll D  saru maggorenni.
4. Tichad ir-raba' talba attrici.
5. Tilqa' l-hames talba attrici u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u tillikwidaha kif fuq deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."
6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba stante li m'hemmx in-necessita'.
7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba, stante li ma tirrizultax.
8. Tilqa' t-tmien talba attrici u tordna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur id-dehebijiet, l-arlogg, kif ukoll is-snieter imsemmija.

**<u>Kontro-Talba ;</u>**

1.Tilqa’ l-ewwel kontro-talba u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta rikonvenzjonanta.

2.Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni kontro-talba stante li D  llum huwa maggorenni.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet kontro-talba attrici u dan stante li kemm M  kif ukoll D,  huma maggorenni u m’ghadx hemm in-necessita’ li jithallsu manteniment.

4. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni ta’ dina r-raba’ kontro-talba stante li giet irtirata mill-konvenuta.

5. Tichad il-hames kontro-talba stante li m’hemmx in-necessita’.

6. Tilqa’ s-sitt kontro-talba stante li l-fond Casa Le Gros, 32, Triq St. Edward, Birzebbugia hija proprjeta’ parafernali tal-konvenuta.

7. Tilqa’ s-seba’ kontro-talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti skond kif deciz fl-intestatura “Komunjoni tal-Akkwisti.”

8.Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien kontro-talba stante li m’hemmx in-necessita.

9. Tilqa’ d-disa’ kontro-talba sa fejn applikabbli.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.**

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella**

**Cettina Gauci – DEP REG**